MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 2/2003

**Doris Camilleri**

**vs**

**Cettina Scerri**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Frar, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fis-6 ta' Mejju 2002 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf u mitejn u sebghin Lira Maltin (Lm1270) rapprezentanti xoghol hazin u nferjuri dwar purtieri u quilts tas-sodod li kienu b'qisien differenti minn dak ordnat.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' ix-xhieda tal-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata kif ukoll tax-xhud Christopher Camilleri li huwa rapprezentant tat-Tribunal li mar fuq il-post halli jara b'ghajnejh u jirraporta lit-Tribunal dawn in-nuqqasijiet u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:-

1. Ir-rikorrenti xtrat drapp sabiex wara tatu lill-Intimata halli taghmilla diversi xoghlijiet fosthom purtieri, quilts u diversi affarijiet fid-dar. Pero x-xoghol kollu kien hazin minhabba diversi nuqqasijiet fil-kejl li rrizultaw li l-purtieri mhux proporzjonati u affarijiet simili bhal dawn.

2. L-intimat issottometta li mhux minnu li qed tghid ir-Rikorrenti peress li kienet taghmilla x-xoghol bil-mod u mhux f'daqqa u qatt ma lmentat dwar ix-xoghol.

3. It-Tribunal sema' ix-xhud imqabbad minnu stess u li huwa bniedem indipendenti sabiex jara b'ghajnejh ir-risultat tax-xoghol. It-Tribunal innota wkoll li l-Intimata ma baqghetx tattendi s-seduti u li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:-

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-Intimat ihallas l-ammont ta' elf Lira Maltin (Lm1000), b'dan illi x-xoghol kollu li ghamlet l-Intimata jigi proprjeta tal-istess Intimata wara li jsir il-hlas u bl-ispejjez kontra l-istess Intimat."

Il-konvenuta hassitha aggravata b'din id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet ta' Konsumaturi u minnha intavolat l-appell odjern bazat fuq l-aggravju illi hi ma nghatat l-ebda opportunita` li tesponi d-difiza taghha quddiem il-perit

tekniku. Konsegwentement tilmenta illi gie vjolat lilha l-principju tal-gustizzja naturali tal-'audi alteram partem'.

Hu presuppost tal-ligi – l-Att XXVIII ta' l-1994 – illi appell quddiem din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal imwaqqaf bis-sahha ta' dan l-Att hu konsentit skond is-subinciz (2) ta' l-Art. 22 fejn "it-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella". Dan hu dak li proprju l-appellanti qed tillanja minnu u allura f'dan is-sens l-appell taghha hu ritwalment propost.

Issa biex jirnexxielha tissodisfa l-aggravju taghha u tirrivendika d-dritt ta' smiegh xieraq, li hi tillanja li gie michud lilha, l-appellanti jehtiegilha tipprova li sofriet il-privazzjoni ngustament, jigifieri, mhux bi htija addebitabbli lilha ghax inkella jissubentra l-principju l-iehor "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire" (Kollez **Vol XXXIX pI p396**). Jokkorri allura illi fir-revizjoni ta' l-atti processwali din il-Qorti tara wkoll jekk f'dan il-kaz l-allegat pregudizzju giex konsegwit minn konsiderazzjoni ta' xi agir volontarju tal-appellanti.

Opportunement qabel ezami bhal dan tajjeb li jigu rijassunti l-aspetti l-aktar sinifikattivi fir-rigward tal-procedura quddiem it-Tribunal. Tribunal dan fejn skond ma jinghad fis-subinciz (1) ta' l-Artikolu 23, l-arbitru jirregola l-procedimenti quddiemu bil-mod li jahseb li jkun l-aktar xieraq ghall-finijiet li tintaghmel gustizzja, skond id-dettami tal-gustizzja naturali.

Ghal dak li jghodd ghal kaz in ispece l-arbitru hu fakoltat li "jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova" (sub-para (b) tas-subinciz (2) ta' Art. 23), u f'kaz li jahtar esperti ghandu jifformula elenku tad-dettalji li l-perit jirrelata dwarhom (sub-para (c) ta' l-Art 23 (2)).

Minn dak rinvenut fl-atti tal-kaz ma jirrizultax illi effettivament it-Tribunal innomina xi perit tekniku. Christopher Camilleri jidher li gie mqabbad biex sempliciment jaccedi fuq il-post u jara l-purtieri. La gie

dettaljat biex jisma’ xhieda u lanqas biex jaghmel rapporti izda biss li jara x-xoghol u jirraporta lura lit-Tribunal dwar dak li osserva.

Dak li invece jemergi mill-istess atti hu n-nuqqas ta’ attendenza tal-appellanti fil-proceduri, ad eccezzjoni tal-ewwel seduta tal-10 ta’ Ottubru 2002. Dan hu ben evidenti mill-verbali tas-seduti sussegwenti u cjoe dawk tat-28 ta’ Novembru 2002 fejn tqabbad l-imsemmi Christopher Camilleri u tad-9 ta’ Jannar 2003, fejn xehdet din l-istess persuna dwar dak rilevat minnu fl-access. Minn hemm il-kaz gie differit ghall-gudizzju tal-Arbitru.

Valutazzjoni ta’ dawn l-aspetti bl-ebda mod ma jista’ jinduci lil din il-Qorti tikkonkludi illi t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali. Il-principju tal-‘audi alteram partem’ ma ghandux, u ma jistax, fil-fehma ta’ din il-Qorti, jigi nvokat minn min minhabba n-nuqqas tieghu stess ta’ assenzi fil-proceduri ma jgibx il-quddiem il-provi tieghu jew biex jikkombatti dawk tal-parti avversa jew ma jaghmelx is-sottomissjonijiet pertinenti li jixtieq jaghmel fil-mument li kellu jaghmilhom. Dan meta jkun moghti l-opportunita` li hekk jaghmel. F’kaz bhal dan verament “imputet sibi”.

Jinsab ravvisat ukoll f’kazijiet ta’ din ix-xorta illi “ma kienx bizzejjed illi jirrizulta lil din il-Qorti illi t-Tribunal ikun mar kontra xi principji tal-gustizzja naturali fil-kondotta tal-proceduri quddiemu, imma kien jehtieg illi tali azzjoni tkun ippregudikat b’mod serju l-jeddijiet ta’ min ikun appella. Una volta ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-principju tal-gustizzja naturali fis-smiegh tal-kaz – pregudizzju dan li minn natura tieghu kellu jkun wiehed procedurali u mhux sostanzjali – ma kienx il-kaz li din il-Qorti tiddiskuti l-gravita` tal-pregudizzju ghax dan kien mill-atti eskluz” – “**Charles Sultana et –vs- A.C.K. Ltd**”, Appell, Sede Inferjuri, 27 ta’ Ottubru 2000.

Kif sehhew l-affarijiet l-ilment tal-appellant jisfuma ghal kollox meta jidher ovvju illi mhux biss ma tqabbad l-ebda perit tekniku izda dippju anke kieku dan kien hekk il-kaz lanqas ma jidher li gie lez il-principju invokat jew rekat xi pregudizzju li, f’kull kaz, kieku sehh kien ‘self-inflicted’,

indott mill-atteggjament tal-istess appellanti. Ara a propozitu fuq dan il-punt id-decizjoni fl-ismijiet "**Romina Vella –vs- Ronald Cachia (Phoenicia Laundry & Dry Cleaning**", Appell, 24 ta' April 2001).

In vista tal-konkluzjoni hawn raggunta l-appellanti m'ghandiex hlief tlum lilha nnifisha li naqset milli sewwa u opportunement tiddefendi l-kaz taghha. Hi allura ma ghandhiex dritt ghall-ebda reintegranda procedurali kif minnha hekk pretiz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez tal-prezenti istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------